# SPUNTI GĦAL STĦARRIĠ TA' "TAĦT TLIET SALTNIET"

**Oliver Friggieri**

Il-ġrajja tar-rumanz Malti, imqar jekk m'hix imżewqa daqs dik tal-poeżija, toffri sett ta' aspetti li qegħdin jitbiddlu u joffru l-post għal oħrajn differenti u għalhekk, meqjusin ilkoll flimkien, isenslu linearità kontinwa, mogħdija li hi, ftit jew wisq, marbuta sfiq b'mod li wieħed jista' jrabbat dak li seħħ fil-bidu, iġġedded minn tmiem is-seklu l-ieħor sa l-ewwel egħxieren ta' snin ta' dan is-seklu u mbagħad ittrasforma ruħu mill-qiegħ fi żmienna b'narrativa diversa ħafna. Hi mogħdija li, jekk tittieħed fl-elementi ewlenin tagħha, tista' titqies mixja f'din id-direzzjoni: mir-rumanz popolari tal-biża' (waħda mill-ewwel forom tar-rumanz romantiku) għar-rumanz storiku (l-istorja impenjata ma' ideal politiku-nazzjonali) għar-rumanz aktarx psikoloġiku (l-esperjenza ta' kuljum imbiddla f'monologu mnikket ta' sensibilità mweġġgħa mill-insensibilità ambjentali).

*Taħt Tliet Saltniet*, bħala xogħol li jissokta jtella' fuq il-livell letterarju lir-rumanz soċjo-folkloristiku ta' qabel, mibni fuq każijiet veri, jew verosimili, ta' biża', waħx, vendetti u nħawi u persunaġġi sewdiena u makabri (imitazzjoni tar-rumanz letterarju tal-biża' li llum, minħabba li għadda minn fuqu aktar minn seklu, ħareġ 'il barra mill-kwadru letterarju u żviluppa ruħu fir-rumanz makabru, espressjoni ta' kitba popolari moderna), jidħol fit-tradizzjoni mwettqa artistikament minn *Ineż Farruġ* (1889) ta' Ant. M. Caruana li fittex li (i) jgħaddi mill-livell popolari għal-livell estetiku billi (ii) jbiddel kontenut u lingwa popolari f'oġġett ta' ammirazzjoni.

Il-kontenut popolari ta' Caruana jdur madwar tradizzjonijiet, karattri u ambjenti tipiċi, tant li l-poplu nnifsu hu l-protagonista, u l-karaterizzazzjoni hi korali, kollettiva, mingħajr ma ttella' fil-wiċċ lil xi persunaġġ fuq ieħor. Il-passività tal-karattri, in-nuqqas ta' ħila (żgħira) tagħhom quddiem is-setgħa (kbira) tal-ħakkiema, ibiddlu lil *Ineż Farruġ* f'rumanz storiku *tellief*. L-insistenza hi fuq it-tbatija u mhux fuq ir-rebħa (li ma tasalx), it-ton ewlieni għandu mil-lamentazzjoni, hu eleġijaku u mhux epiku. Fuq kollox, ma jidher imkien ir-ribell u l-mit ta' Vassalli kien għadu ma twilidx. B'*Taħt Tliet Saltniet* dawn il-motivi huma mbiddla f'punti ta' tluq, mill-folla anonima — il-poplu ta' Voltaire bħala l-protagonista veru ta' l-istorja — jispuntaw l-eroj li, għad li jlaħħmu fihom infushom lill-kotra maħkuma kollha, huma projezzjoni partikulareġġjata,

jiġifieri sentiment kollettiv imbiddel f'persuna individwali. L-eroiżmu tal-folla welled u rawwem l-eroj singulari tiegħu. Barra minn dan, it-tbatija hi mħallta mal-qlubija, l-eleġija hi mtaħħta għall-epika u Aquilina jħabbar fil-letteratura narrativa ta' Malta aspett kollu kemm hu risorġimentali: it-taħlita tal-preżent (imwiegħer) mad-dehra vaga iżda reali tal-ġejjieni (rebbieħ). Għandna taħlita fl-identità ta' Aquilina bħala awtur: fuq naħa l-osservatur tal-fatti u fuq in-naħa l-oħra l-profeta ta' l-ideali. It-telfa twassal għal rebħa, it-tbatija tissarraf fi glorja, u l-impressjoni ġenerali hi ta' rumanz storiku *rebbieħ*.

Bejn meta kiteb Caruana u s-snin tletin ta' dan is-seklu meta kiteb Aquilina hemm perijodu mqalleb u mżewwaq ta' qawmien politiku, kulturali u soċjali. Iż-żerriegħa mixħuta fil-ħamrija mitluqa tas-sensibilità Maltija mill-eżiljati risorġimentali Taljani (li bosta minnhom kienu ġurnalisti jew kittieba) bejn l-1804 u madwar l-1870 ħadet fost il-Maltin sewwa sew meta l-motiv patrijottiku beda jifforma ruħu f'organi attivi, il-partiti politiċi. Il-*Giovine Italia* ta' Mazzini, preżenti wkoll f'Malta, wasslet għat-twaqqif tal-*Giovine Malta* fid-19 ta' Diċembru, 1901. Aquilina jipparteċipa bħala awtur f'din il-ħidma nazzjonali, iżda jantiċipa sitwazzjonijiet politiċi li kellhom jitilgħu fil-wiċċ iżjed 'il quddiem: bħala awtur romantiku jitnebbah mill-bini ta' patrija (il-motiv romantiko-politiku) u bħala awtur Kristjan jitnebbah mill-ħtieġa ta' strutturazzjoni ġusta tal-komunità (il-motiv realistiko-socjali). Fi kliem ieħor, waqt li l-kittieb ibiddel il-kelma Maltija f'għodda biex Malta tikseb identità politika u biex trawwem kuxjenza kulturali Maltija (l-aspett risorġimentali), min-naħa l-oħra jissuġġerixxi (u jlaħħam f'karattri u f'sitwazzjonijiet) tibdil soċjali li jwettaq l-ugwaljanza tal-klassijiet (l-aspett realista, iżjed aġġornat fid-dawl ta' xejriet pożitivisti). Flimkien mal-ħolma ideali tar-romantiċi, Aquilina jinseġ pjanifikazzjoni soċjali, u fid-dawl ta' xi Comte jikkristjanizza l-*Grand Etre* pagana — l-umanità — li, madankollu, tibqa' meqjusa fi ħdan il-binomju Mazzinjan: Alla u poplu. Alla hu preżenti f'*Taħt Tliet Saltniet* bħala protagonista responsabbli u attiv, waqt li l-poplu hu mbiddel fil-ġens t'Alla, immexxi — bħall-poplu bibliku ta' Mazzini — mis-sens ta' jedd (li wieħed ikollu patrija ħielsa) u mis-sens ta' dmir (li wieħed jaħdem ħerqan biex jibni din l-istess patrija). Jiġifieri l-influssi aktar aġġornati ta' Aquilina bħala romantiku li qiegħed jikteb fis-seklu għoxrin jindikaw kompromess bejn ir-romantiċiżmu kif nafuh u l-viżjoni moderna tar-realiżmu bħala inkjesta soċjali: l-awtur li jitkellem dwar pajjiż f'termini politiċi jrid jissuġġerixxi wkoll metodi ta' tibdil radikali fl-istrutturi demokratiċi. Fi ħdan iż-żewġ interessi ewlenin li jserrpu dan l-aspett doppju wieħed jista' jsib matul ir-rumanz: il-motiv politiku u l-motiv socjo-morali.

Hu t-tiżwiġ ta' dawn iż-żewġ motivi li mbagħad wassal għad-dħul tar-realiżmu f'Malta, kif nafuh f'Malta f'Ġużè Chetcuti, l-aħjar esponent tiegħu, u kif beda jitħabbar kemm kemm żmien qabel f'Ġużè Bonnici u Ġwann Mamo. L-ewwel motiv (politiku) jitlob rikostruzzjoni nazzjonali, it-twaqqif ta' patrija bis-saħħa tal-

wetqa tal-karatteristiċi distintivi tagħha. Hawn jidħol l-innu lil dak kollu li hu Malti. Hemm, qabel xejn, il-pajsaġġ.

Hi kampanja nadifa, siekta, imfettħa fl-ispazji tagħha, marbuta massafa morali tar-raħlin, u mbiddla f'ambjent tipiku li jsarraf gżira f'oġġett ta' ammirazzjoni kważi reliġjuża. L-art tidher fid-dawl poetiku tagħha, fil-primitività tad-drawwiet, l-ilbies, il-għana, il-bini, it-twemmin u l-bqija. Hemm ukoll tribut lill-aspett fiżiku tal-Malti, fost l-oħrajn bid-deskrizzjonijiet stillizzati tal-ġuvni u tat-tfajla Maltija. Huma persuni mbiddla f'oġġetti oħrajn li ħaqqhom l-apprezzament mhux bħala tali, iżda bħala "affarijiet" oħra li jintisgħu sfiq fl-identità magħquda ta' ambjent wieħed. Hi stilizzazzjoni li ma tistona b'ebda mod mad-deskrizzjonijiet, forsi stilizzati wkoll, ta' aspetti materjali ta' l-ambjent raħli (u Malta tar-romantiċi, bħad-dinja tar-romantiċi barranin, hi raħlija, f'konfront mal-belt vulgari ta' l-industrija mċaħħda mill - identità qadima u awtentika ta' l-istorja).

Kollox ma' kollox, kull oġġett deskritt hu mbiddel fi kwadru attiv imqiegħed f'vetrina kważi turistika li xxandar l-uniċità ta' post. Il-folklore, wirt li r-romantiċi ħarsu lejh bħala sura ta' reliġjon popolari, u għalhekk qaddisa, hu mbiddel f'arti fih innifsu. Sett ta' drawwiet tradizzjonali, imkejjen tipiċi, persuni tassew Maltin, huma msarrfa f'dokument ta' individwalità nazzjonali, f'ġustifikazzjoni storika ta' identità. Dan hu l-kontenut li l-lingwa trid tfisser, u l-lingwa stess titbiddel f'idejn l-awtur fl-aqwa dokument tal-qedem distintiv tal-pajjiż u tan-nisel. Hu ħsieb romantiku li daħħlu f'Malta Mikiel Anton Vassalli f'*Alla nazione maltese* u l-aktar fid-*Discorso preliminare* (ara *Ktieb il-Kliem Malti*, 1796) u li mbagħad issokta jieħu l-għamla ta' waħda mill-ġustifikazzjonijiet poetiċi f'idejn bosta awturi, l-aqwa fosthom Dun Karm. (F'dan id-dawl ukoll wieħed jista' jifhem li, jekk wieħed — biex ma jaqbilx ma' xi Croce — irid jemmen li storja tal-letteratura hi possibbli, irid ifittex fl-istess ħin il-linearità kronoloġika fl-iżvilupp tal-kitbiet, rabta bejn żmien u ieħor skond direzzjoni partikulari).

Il-Malti mhux biss hu meqjus minn Aquilina bħala għodda ta' għaqda nazzjonali kontra għadu komuni (wirt risorġimentali ieħor), iżda hu saħansitra miktub b'mod li jingħaqad mal-kontenut, jiġifieri jsebbaħ is-sett ta' oġġetti u persuni oġġettivati li bissaħħa tagħhom l-awtur irid jisħaq li Malta għandha identità. Minn hawn ġej il-puriżmu, l-isfruttament tassetgħat espressivi ta' lsien mitluq, is-sentenzi twal u aktarx imħabbla, id-deskrizzjonijiet dettaljati, l-avventuri retoriċi, l-aġġettivazzjoni skrupluża u xi drabi doppja, il-logħob bis-sinonmi u l-bqija. F'dan is-sens ukoll hemm rabta sħiħa bejn il-kontenut u l-forma, jiġifieri bejn dak li l-awtur qiegħed igħid u l-mod kif qiegħed igħidu. Hi rabta li tgħin biex wieħed jiddiskuti l-unità tar-rumanz fid-dawl tal-komponenti elementari, il-kontenut u l-forma, is-suġġett u l-lingwa li tfissru.

It-teknika tan-narratur tippreżenta lil Aquilina bħala l-osservatur li mhux biss jara, jisma' u l-bqija, skond is-setgħat li jagħtuh is-sensi barranin, iżda jifhem u jintuwixxi t-tiġrib spiritwali jew ġewwieni tal-karattri tiegħu (xhieda li, fl-aħħar

mill-aħħar, m'humiex ħlief biċċa minnu nnifsu). Ngħidu aħna, l-awtur mhux biss jaf x'jistgħu jagħmlu żewġ karattri f'ħin wieħed (jiġifieri l-awtur hu omnipreżenti), iżda jaf ukoll x'qegħdin jaħsbu bejnhom u bejn ruħhom (l-awtur hu omnixxjenti). Hu osservatur oġġettiv ("jara" dak li ma jidhirx) fl-istess ħin, u jġib ruħu qisu l-alla tal-bnedmin li ħalaq hu. Hi forma ta' rakkuntar li kienet ilha li bdiet titwarrab min-narrativa sa minn żmien Dickens għallinqas, u l-awtur letterarju kien ilu li fehem il-limitatezzi tal-viżjoni tiegħu bħala bniedem u mhux aktar bħala superman. (E.g., l-awtur modern ilu li beda jikteb fl-ewwel persuna singular u mbagħad ifittex li l-osservazzjonijiet tiegħu ma jaqbżux 'il barra minn dawn il-limiti dojoq, bil-konsegwenza li r-rumanz jisħaq aktar fuq id-dinja ta' ġewwa, introspettiva, milli fuq id-dinja ta' barra). Madankollu, hi teknika li għadha mfittxa sal-lum, u aktarx li sikwit titbiddel skond l-għanijiet speċifiċi ta' l-awtur li jkun. F'dan il-każ ukoll, tajjeb li l-qarrej ta' *Taħt Tliet Saltniet* jara kif jalternaw il-passaġġi ta' rakkont, deskrizzjoni u kumment idejoloġiku. Fl-ewwel aspett hemm in-nisġa tal-*plot*, fittieni hemm għamla ta' waqfa jew stasi perjodika li mbagħad terġa' thejji n-nifs għall-azzjoni li jmiss, u fit-tielet hemm il-kontenut ideali jew aħjar it-tema li l-awtur jixtieq ibiddel f'rumanz. Għaliex nafu li bħala verità elementari ħafna fin-narrattiva letterarja hemm dan il-proċess: l-awtur jaħseb idea, imbagħad ifittex sett ta' ambjenti, djalogi, karattri, sitwazzjonijiet u l-bqija li jillustrawha, b'mod li l-qarrej isib quddiemu taħlita tat-tema u ta' l-istorja. L-idea tissarraf f'esperjenza mgħejxa, biex imbagħad din ta' l-aħħar treġġa' lill-qarrej lura lejn l-idea. Hu proċess mentali li jsegwi, biex niftiehmu, dan il-mudell: minn A lejn B u mbagħad lura lejn A. Ikun siewi li wieħed jipprova japprezza film tajjeb b'dan il-metodu biex jikkonkludi, kif suppost, li l-istorja ta' kull narrazzjoni artistika hi biss pretest, jew skorċa ta' idea.

Il-preokkupazzjonijiet ewlenin ta' Aquilina huma tlieta: patrijottika, soċjali u morali. Fl-ewwel preokkupazzjonijiet hemm ix-xewqa li Malta tinfeda mill-kolonjaliżmu (u l-letteratura Maltija, kemm bit-Taljan u kemm bil-Malti, hi waħda millkawżi evidenti ta' kull ċaqliq politiku li seħħ f'Malta minn madwar seklu u nofs 'l hawn). It-tieni waħda titlob, u tissuġġerixxi (għaliex Aquilina l-osservatur jissieħeb ukoll ma' Aquilina l-investigatur li jagħmel inkjesta klassista) tibdil fil-binja ta' l-għixien komunitarju biex isseħħ ugwaljanza mnebbħa mill-Vanġelu (u hawn tidħol il-konverżjoni ta' membri tal-klassi għanja, anti-evanġelika). Il-preokkupazzjoni morali hi mżewġa ma' ta' qabilha, fis-sens li m'hemmx ġustizzja soċjali li m'hix nisranija, jew aħjar m'hemmx ħajja nisranija li m'hix ġusta. Hawn ukoll il-ħsieb Mazzinjan hu mgħoddi millfażi politiko-nazzjonali għall-fażi politiko-soċjali: m'hux biżżejjed li nibnu lil Malta, u jeħtieġ nibnu wkoll lill-Maltin, kif qal D'Azeglio dwar l-Italja. L-għaqda bejn dawn it-tliet motivi hi ċara: hu dmir ta' kull ċittadin li jkun attiv fil-ħidma patrijottika, u mbagħad hu dmir li jara li tinbena soċjetà ġusta, u soċjetà ġusta hi soċ-

jetà morali mifhuma f'termini Kristjani. Aquilina l-profeta ta' Malta ħielsa (bħal bosta awturi risorġimentali Maltin), Aquilina l-predikatur tal-Vanġelu (ta' min jinnota hawn sett ta' paralleliżmi Evanġeliċi u sitwazzjonijiet u stqarrijiet letterarji) u Aquilina l-Kritiku ta' Malta ta' żmienu jitbiddlu f'varjazzjonijiet rikonċiljabbli ta' identità waħda.

Il-motivi l-iżjed imfittxa matul ir-rumanz — imsarrfa sikwit f'sitwazzjonijiet, f'figuri u f'ambjenti — huma (a) Malta għandha identità li ddur madwar l-ambjent materjali u spiritwali (l-aktar l-ilsien nazzjonali, bħala emblema ta' għaqda); (b) Malta għandha tiġġieled għal din l-identità, li twassal għal-libertà politika, billi f'ħin wieħed timpenja ruħha (i) fi ġlieda kontra l-ħakkiema barranin u (ii) fi ġlieda favur l-ugwaljanza tal-klassijiet. Minn hawn ġejja l-preżenza attiva tad-djalettika marxista bejn borgeżija u proletarjat, ikkonċepita, bla ebda dubju, fid-dawl tal-Vanġelu li kien ilu li xandarha u pprattikaha b'suċċess kważi elfejn sena qabel. Anzi Aquilina donnu jissuġġerixxi s-soluzzjoni Kristjana biex isaffi l-idejoloġija, anzi jikkristjanizzaha u jippreżentaha mnaddfa fin-nisel Kristjan tagħha. L-idejoloġija politiko-reliġjuża hi msensla ma' ċertu neo-umaniżmu li fi żmienna daħal fil-letteratura dinjija sewwa sew biex jippreżenta kritika morali tal-ħajja. Għalhekk il-bniedem hu meqjus bħala ħieles u responsabbli, u l-isfida eżistenzjali hi mbiddla fi sfida morali. Għalhekk ukoll il-karattri ta' Aquilina huma persunaġġi li joħolmu, jixtiequ u jiddeċiedu u għalhekk ukoll l-awtur ma jiddistingwixxix bejn reliġjon u dinja: ir-reliġjon hi d-dinja kollha, u d-dinja kollha għandha tkun reliġjożizzata. Fi kliem ieħor, li tkun ċittadin tajjeb ifisser li tgħix il-Vanġelu skond il-kategoriji ta' żmien u spazju.

Fi ftit kliem, *Taħt Tliet Saltniet* jagħti ħarsa moralistika lejn il-ħajja Maltija u jfittex li jgħaddi mir-riflessjoni għall-azzjoni billi jissuġġerixxi u jillustra riforma soċjali li titlob, qabel xejn, konverżjoni tal-borgeżija. Hi ħarsa moralistika mlaħħma f'pajsaġġ, f'karattri, fi storja epika, fi kritika politika. Minn stħarriġ ta' realtà preżenti imperfetta jgħaddi għas-suġġeriment ta' realtà ġejjiena perfetta. Il-konfront tal-karattri m'hux biss nazzjonali (barranin kontra Maltin) iżda wkoll soċjo-morali (għonja kontra fqar, ħżiena kontra tajbin). F'dan kollu wieħed isib tiżwiġ bejn preżent u ġejjieni, realtà u idealità, osservazzjoni u riflessjoni. Hi sintesi ta' kontenut realistiku mistħarreġ b'għajn romantika jew, min-naħa l-oħra, ta' kontenut romantiku mqiegħed f'kuntest realistiku. Il-ħolma hi romantika u l-inkjesta hi realista. Hawn ukoll Aquilina jidħol bis-saħħa fit-tradizzjoni Manzonjana, għaliex f'*I promessi sposi* għandha diġa' l-kristjanizzazzjoni tar-romantiċiżmu, it-tibdil tal-ħolma f'impenn li m'hux biss politiku (biex jibni patrija) iżda wkoll soċjali (biex jibni strutturi ġusti ta' għixien komunitarju).

---

*Dr. Oliver Friggieri — lecturer tal-Malti fl-Università ta' Malta u awtur ta' għadd ta' kotba.*